

Brussell, 1 ta' April 2026  
(OR. en)

7823/26  
ADD 1

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0087 (NLE)

---

---

ECOFIN 391  
RELEX 446  
COEST 257  
FIN 488  
CSC 206  
*ECB*  
*EIB*

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 1 ta' April 2026

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: COM(2026) 157 annex

---

Suġġett: ANNESS  
tal-  
Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill  
li tapprova l-assistenza lill-Ukrajna fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija  
għall-Finanzjament tal-Ukrajna

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 157 annex.

---

Mehmuż: COM(2026) 157 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 1.4.2026  
COM(2026) 157 final

ANNEX

ANNEX

*tal-*

**Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill**

**li tapprova l-assistenza lill-Ukrajna fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-  
Finanzjament tal-Ukrajna**

## ANNEX

### **Valutazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna fil-qafas tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027**

#### **Kuntest legali**

Ir-Regolament (UE) 2026/467 jipprevedi li sabiex tirċievi assistenza finanzjarja u ekonomika taħt is-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna, l-Ukrajna trid tippreżenta lill-Kummissjoni l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna. L-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna tipprovdi dettalji dwar il-ħtiġijiet ta' finanzjament u r-riżorsi ta' finanzjament tal-Ukrajna, fil-prinċipju għat-12-il xahar li ġejjin.

F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2026/467, fl-24 ta' Marzu 2026 l-Ukrajna ppreżentat l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna. Sussegwentement, fis-26 ta' Marzu 2026 hija ppreżentat verżjoni riveduta tat-tabelli annessi. L-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna fiha l-elementi kollha meħtieġa skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2026/467.

L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2026/467 jeżiġi li l-Kummissjoni tevalwa l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna mingħajr dewmien żejjed. Il-kundizzjonijiet rispettivi tal-valutazzjoni huma inklużi fl-Artikolu 7(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2026/467:

#### **Kooperazzjoni mal-Ukrajna**

Is-servizzi tal-Kummissjoni, flimkien mas-Servizz għall-Azzjoni Esterna, kellhom diversi laqgħat mal-Ministeru għall-Finanzi u l-Ministeru għad-Difiża tal-Ukrajna qabel il-preżentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna fl-24 ta' Marzu 2026 biex jiddiskutu t-tnejn tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, il-bżonn ta' finanzjament u difiża tal-Ukrajna, l-impenji mid-donaturi u d-diskrepanza fil-finanzjament li tirriżulta.

#### **Kompletezza, fattibbiltà u koerenza tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna mas-suppożizzjonijiet sottostanti**

L-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna tissodisfa r-rekwiżiti ta' kompletezza, fattibbiltà u koerenza skont l-Artikolu 7(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2026/467.

L-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna u t-tabelli u l-annessi li jakkumpanjawha jipprovdu s-sett komplut ta' informazzjoni meħtieġ mill-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2026/467. L-approċċi u s-suppożizzjonijiet metodoloġiċi ewlenin huma spjegati f'anness inkluż fl-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna.

L-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna hija bbażata fuq is-suppożizzjoni li l-gwerra tkompli matul l-2026. Il-varjabbli makroekonomiċi u x-xenarji tal-baġit projettati huma konsistenti mal-Baġit tal-Istat tal-2026 u mas-suppożizzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Baġit 2026–2028 li l-gwerra tkompli fl-2026. Il-projezzjonijiet jassumu rata tal-kambju ta' EUR 1 = UAH 49,356 għall-2026.

Il-projezzjonijiet għan-nefqa tal-gvern estiż huma ġeneralment ippreżentati fid-dettall meħtieġ u diżaggregati kif xieraq skont il-funzjoni u s-sottosettur, inkluża data dwar id-difiża fil-baġit ippreżentata skont il-klassifikazzjoni ekonomika tagħha.

Il-projezzjonijiet għad-dħul tal-gvern estiż huma ppreżentati wkoll fid-dettall meħtieġ. L-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna tinkludi informazzjoni dwar l-iżviluppi finanzjarji tal-passat u mbassra tal-Ukrajna, kull trimestru u sena, inkluża informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-likwidità (bilanċ tal-flus) fil-livell tal-istat, u l-amortizzamenti tad-dejn, strateġija għall-ħruġ tad-dejn, flussi oħra li jgħolqu u jnaqqsu d-dejn u l-istokk tal-arretrati tal-pagamenti u l-iżviluppi mbassra tagħha fil-livell tal-gvern estiż.

L-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna tinkludi informazzjoni dwar il-ħtiġijiet previsti ta' assistenza militari *in natura*.

Fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' finanzjament gross, l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna tipprovdi ħarsa ġenerali tajba lejn il-fatturi ewlenin tal-ħtiġijiet ta' finanzjament flimkien mal-bilanċ nominali tal-baġit, inklużi l-iżviluppi finanzjarji bħar-riżervi ta' likwidità fi flus u l-impatt tal-flussi relatati mad-dejn u l-amortizzament.

Il-bżonnijiet ta' finanzjament gross irrappurtati huma konsistenti mal-aktar rapport riċenti tal-FMI.

Fir-rigward tal-ħtiġijiet tad-difiża b'mod speċifiku, l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna fiha diżaggregazzjoni sħiħa u koerenti tal-ħtiġijiet bejn il-ħtiġijiet fil-baġit u l-ħtiġijiet ta' assistenza militari *in natura* barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-baġit regolari tal-Ukrajna. Id-data u l-ispjegazzjonijiet li jakkumpanjawha fl-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna jippermettu fehim suffiċjenti tal-ħtiġijiet ta' difiża tal-Ukrajna relatati mal-baġit u apparti minnu.

Fl-aħħar nett, l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna tippreżenta ħarsa ġenerali tajba lejn l-appoġġ ipprojetat mid-donaturi fl-2026 kemm għall-appoġġ fil-baġit kif ukoll għall-assistenza *in natura*.

Abbażi tal-informazzjoni ppreżentata, il-ħtieġa għal appoġġ għad-difiża li tammonta għal EUR 28,3 biljun u għal assistenza baġitarja li tammonta għal EUR 16,7 biljun hija ppreżentata b'mod koerenti u loġiku.

### **Konsistenza tal-informazzjoni fl-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna ma' sorsi esterni, inkluż kwalunkwe rieżami riċenti tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u informazzjoni mill-Pjattaforma tad-Donaturi għall-Ukrajna u mill-Grupp ta' Kuntatt għad-Difiża tal-Ukrajna**

L-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna hija konsistenti mas-sorsi esterni disponibbli kif meħtieġ bl-Artikolu 7(3)(b) tar-Regolament (UE) 2026/467.

Hija konsistenti max-xenarju ċentrali u mal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern li jirfdu l-Faċilità Estiża ta' Fond il-ġdida tal-FMI, approvata mill-Bord tal-FMI fis-26 ta' Frar 2026. Mill-konsultazzjonijiet mal-FMI ħareġ ukoll li l-elementi rilevanti tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna kienu konsistenti mad-data tal-FMI.

Fir-rigward tal-iżborżi trimestrali taħt l-assistenza baġitarja, l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna u t-tabelli li jakkumpanjawha jistrieħu fuq suppożizzjonijiet konservattivi għal pagamenti taħt il-Faċilità għall-Ukrajna fit-tieni u fit-tielet trimestri tal-2026.

L-informazzjoni dwar finanzjament ieħor mid-donaturi hija konsistenti mal-informazzjoni miġbura permezz tal-Pjattaforma tad-Donaturi għall-Ukrajna (UDP) u mad-data baġitarja li tiġi ppreżentata regolarment fil-laqgħat tal-UDP, kif ukoll mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-UDP dwar l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna.

L-informazzjoni dwar il-ħtiġijiet tad-difiża u s-sorsi eżistenti ta' assistenza hija konsistenti wkoll mal-informazzjoni kondiviża permezz tal-Grupp ta' Kuntatt għad-Difiża tal-Ukrajna (UDCG), kif ukoll mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-UDCG dwar l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna.

### **Konsistenza tad-diskrepanza fil-finanzjament estern mistennija mad-distribuzzjoni indikattiva tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna**

Iċ-ċifri huma konsistenti mal-allokazzjonijiet indikattivi tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna stabbiliti fl-Artikolu 7(3), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2026/467. Dawn jimplikaw frontloading żgħir tal-appoġġ minħabba li l-ammont mitlub għall-2026 ta' EUR 45 biljun jirrappreżenta nofs l-assistenza disponibbli ta' EUR 90 biljun li għandha tintuża fit-tliet trimestri li jifdal tas-sena, u EUR 45 biljun li jibqgħu disponibbli għall-2027 kollha. Dan huwa konsistenti max-xenarju li l-gwerra tkompli fl-2026 — ix-xenarju bażi kemm tad-Dikjarazzjoni tal-Baġit 2026–2028 kif ukoll tal-programm tal-Faċilità Estiża tal-Fond tal-FMI.

F'konformità mal-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-kompletezza, tal-fattibbiltà u tal-koerenza tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, fl-2026 jenħtieġ li jkun disponibbli għall-Ukrajna ammont totali ta' appoġġ massimu ta' EUR 45 biljun, li sa EUR 16,7 biljun minnhom huma assistenza għall-appoġġ baġitarju u sa EUR 28,3 biljun huma appoġġ għad-difiża.

Fir-rigward tal-allokazzjoni tal-assistenza baġitarja bejn il-Faċilità għall-Ukrajna u l-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2026/467, jenħtieġ li jiġu pprovduti EUR 8,35 biljun fil-forma ta' self implimentat skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/792<sup>1</sup> u EUR 8,35 biljun bħala assistenza makrofinanzjarja mogħtija skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2026/467. Dan huwa bbażat fuq valutazzjoni tal-modalitajiet ta' finanzjament xierqa, filwaqt li jitqiesu n-natura u l-urġenza tal-ħtiġijiet ta' finanzjament. Fil-valutazzjoni tal-iskeda proposta ta' pagamenti fil-forma ta' assistenza baġitarja, il-Kummissjoni tqis id-diversi sorsi ta' finanzjament disponibbli għall-Gvern tal-Ukrajna. Meta timplimenta l-iskeda dettaljata tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna fl-2026, il-Kummissjoni jista' jkollha bżonn taġġusta l-pagamenti parzjali trimestrali skont l-evoluzzjoni tal-pożizzjoni ta' likwidità attwali tal-Gvern tal-Ukrajna. L-għadd massimu ta' pagamenti parzjali għall-assistenza makrofinanzjarja fl-2026 f'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2026/467 huwa tlieta. Il-valur indikattiv ta' dawk il-pagamenti parzjali huwa ta' EUR 3,2 biljun, EUR 3,7 biljun u EUR 1,45 biljun għall-ewwel, it-tieni u t-tielet pagament parzjali rispettivament.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna PE/10/2024/REV/1 (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>).

## **Konformità mal-prekundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2026/467**

L-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna tikkonforma mal-prekundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2026/467. B'mod partikolari, l-Ukrajna tkompli żżomm u tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluża sistema parlamentari b'diversi partiti, u l-istat tad-dritt, u tiggarrantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Iż-żamma u r-rispett tal-istat tad-dritt jinkludu l-għieda kontra l-korruzzjoni. Il-valutazzjoni dettaljata saret biex tiġi sottomessa lill-korpi kompetenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2026/467.